# LIL MALTA

(GĦANJA) (1)

Għalkemm ġejt minn art sabiħa,
Art li tħaddar ma' kull żmien, (2)
Art li minnha saret qalbi,
Li nġib miegħi kullimkien,
Daqs il-għasel sibtek ħelwa,
Bint il-baħar, bint ix-xemx:
Malta, Malta, warda bħalek,
Sbejħa u żgħira, ngħid li m'hemmx.

L-isfa sema l-għata tiegħek,
Ħżiemek ikħal daqs in-nir,
L-ajru jtuqek, bard ma jaħqrek,
Art ħanina, omm tal-fqir.
Malta, Malta, ż-żmien fuq sidrek
Kiteb l-egħżeż tifkiriet:
M'hux għalxejn għalik iġġieldu
Ġnus minn l-ibgħad żminijiet.

Min ma jafx il-qalb, il-fehma
Ta' l-ulied li ïnt rabbejt?
Min ma jafx dik l-Emna mqaddsa
Li bħal sejf tan-nar żammejt?
Malta, Malta, s-swar li ħammru
B'demm uliedek għalenin,
Qatt ma jinżgħu mill-ġmiel tagħhom,
Rebħu 'l-għadu, jirbħu s-snin.

**Dun Karm.**

(1) Din il-Għanja ta' Monsinjur Psaila ġiet immużikata mis-surmast Karl Maria Artz u kantatha martu, is-Sinjura Jenni, fit-teatru Rjal, fis-26 ta' April li għadda.

(2) Is-Sinjura Jenni Artz, ġejja min-Norveġja u mill-Bavarja —artijiet l-iżjed sbieħ, u ma' tul is-sena dejjem iħaddru, billi x-xmajjar u l-lagi jinsabu bir-rfus.